**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 29 ta' Ottubru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 39 / 15RGM

Kawza fil-lista: 35

**A B**
**vs**
**L-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Dine Mallia**
**bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-5 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima, mil-liema relazzjoni twieldu zewgt itfal, Melanie E ta' sebgha (7) snin, li twieldet fil- 16 ta' Novembru 2007 u Antonello E ta' hames (5) snin u li twieled fil-14 ta' Settembru 2009 bhal ma jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri;

2. Illi ghalkemm ir-relazzjoni tal-partijiet kienet wahda inizjalment minghajr problemi, wara li twieldu z-zewgt itfal l-intimat beda frekwentament jabbuza mill-alcohol u mid-droga;

3. Illi xi sentejn ilu l-intimat qabad u telaq mid-dar fejn kien jghix mal-esponenti flimkien maz-zewg uliedhom u dan ghax kien beda relazzjoni ma' mara ohra u mar jghix mal-partner il-gdida tieghu;

4. Illi infetah medjazzjoni u saru tentattivi sabiex il-partijiet jersqu ghal ftehim izda l-intimat spiss ma kienx jattendi u dejjem kien jgib skuzi biex ma jhallas manteniment ghal uliedu u lanqas kien jmur ghalihom regolarment;

5. Illi lanqas kien ta permess lit-tifla minuri biex taghmel il-precett u meta sar rikors sabiex tinghata l-permess mill-Onorabbli Qorti, l-intimat ma kienx jiehu il-notifika minkejja li kien ghadu Malta u b'hekk kien tard wisq meta fl-ahhar 1-esponenti irnexielha tikseb digriet biex it-tifla taghmel il-precett mal-kumplament ta' shabha u ser jkollha taghmel il-precett sena wara;

6. Illi saru tentattivi sabiex jinhareg digriet ghall-manteniment u l-kura u kustodja izda l-intimat ukoll ghamilha impossibli li jigi nnotifikat u wara diversi xhur 1-esponenti saret taf li l-intimat kien telaq minn Malta mas-siehba tieghu u b'hekk kellha taghmel proceduri sabiex jinhatru kuraturi deputati;

7. Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda kuntatt mal-intimat li lanqas jikkomunika maz-zewgt itfal tieghu u m'ghandhiex l-indirizz tieghu;

8. Illi it-tifel il-minuri tal-partijiet ghandu bzonnijiet specjali u ghandu bzonn ta' LSA l-iskola u din ma setghetx isir sakemm l-esponenti inghatat il-kura u l-kustodja;

9. Illi l-istess digriet iffissa manteniment ghaz-zewg ulied izda l-intimat m'huwiex jhallas ebda manteniment ghall-uliedu;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provediment necessarji u opportuni;

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Melanie E u Antonello E, esklussivament f'idejn ir-rikorrenti ommhom A B, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed mir-rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn ta’ 1-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens ta' l-intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;

2. Tigi ffisata manteniment xierqa ghal-bzonnijiet taz-zewg ulied minuri.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati pprezentata fid-9 ta’ April 2015 li taqra kif gej:-

1. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid ikun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qeghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-provi mressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-**attrici A B** xhedet bil-mezz ta' affidavit. Spjegat b'dettal id-diffikultajiet kbar li l-hajja matrimonjali tal-partijiet kienet milquta minnhom kagun tal-vizzju tad-droga tal-konvenut. Issemmi illi l-konvenut ma xtaqx it-tieni tarbija taghhom u meta kienet harget tqila kien irrabja hafna u beda jinsisti maghha sabiex tara kif taghmel sabiex tittermina t-tqala. Haga li l-attrici oggezzjonat ghaliha.

Issemmi episodju fejn il-konvenut saq taht l-effett tad-droga u habat u ghamel danni fl-ammont ta' hmistax-il elf ewro.

Fis-sena 2012 il-konvenut fetah bar kontra x-xewqa tal-attrici. F'dan il-bar bdew jiltaqghu persuni bil-vizzju tad-droga bhal konvenut. Il-konvenut beda jaghmilha cara lill-attrici li ma ridiex tersaq lejn dan il-bar immexxi minnu. Kien idum ma jidhol lura d-dar sas-sieghat bikrin ta' filghodu u dejjem fis-sakra. Sakemm fl-ahhar bghatilha sms bil-messagg "out time is up" u ma regax irritorna d-dar. Eventwalment saret taf li beda jikkoabita ma' tfajla.

Kien jaghmilha cara lill-attrici li ma kellux il-hsieb li jerga jirritorna d-dar. Peress li t-tfal kienu spiss jibku jistaqsu ghall-missierhom hija kienet iccempillu sabiex imur jara lit-tfal izda huwa qatt ma mar jarhom minn dakinhar.

Matul il-process ta' medjazzjoni il-konvenut naqas milli jattendi u ghalhekk ma kienx possibbli li jsiru diskussjonijiet sabiex jilhqu ftehim dwar kura u kustodja; access tal-missier versu l-minuri u l-manteniment.

L-attrici tispjega wkoll illi l-konvenut oggezzjona li t-tifel taghhom jigi mghammed bhalma kienu ghamdu lit-tifla. Kien ukoll irrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu sabiex it-tifla taghmel il-pracett.

Eventwalment it-tfajla li maghha kien qed jikkoabita l-konvenut harget tqila.

Oht il-konvenut kienet informat lill-attrici li l-konvenut kien qed jippjana li jsiefer u kien cemplilha sabiex jara lit-tfal qabel jitlaq. Il-konvenut qal lill-attrici li huwa kien behsiebu isiefer ghal ftit gimghat biss izda siefer u ma rritornax.

Il-konvenut qatt ma baghat manteniment ghall-ulied.

Spjegat id-diffikultajiet li ltaqet maghhom meta t-tifel gie certifikat li kellu bzonn 'learning support assistant' fl-iskola izda kien mehtieg il-firma tal-missierr.

Safejn taf l-attrici l-konvenut mar jirrisjedi fl-Olanda.

L-attrici resqet it-testimonjanza ta' ommha, **Helen B**. Omm l-attrici xhedet illi saret taf ghall-ewwel darba lill-konvenut meta l-attrici u l-konvenut kienu ilhom johorgu flimkien ix-xhur. Spjegat illi meta l-attrici kieneet ghada toqghod mal-genituri u bdiet tohrog mal-konvenut bdiet tidhol lura d-dar tard hafna bil-lejl. F'mument minnhom inqalet kwistjoni bejn il-genituri tal-attrici u l-attrici minhabba dan id-dewmien sabiex tidhol lura d-dar. L-attrici irreagixxiet billi telqet mid-dar tal-genituri taghha u marret toqghod mal-konvenut fid-dar ta' ommu,.

Omm l-attrici kienet cemplet lill-omm il-konvenut sabiex tipprova tipperswadi lill-attrici tirritorna d-dar tal-genituri taghha izda minflok kien cemplilha l-konvenut u heddidha li ser jahbat ghaliha fizikament.

Ikkonfermat illi wara li l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien it-tfal kienu jsaqsu hafna ghall-missierhom il-konvenut izda l-konvenut kien qata' kull kuntant maghhom.

Fir-rigward tal-manteniment ghall-minuri pretiz mill-attrici jirrizulta illi fis-17 ta' Frar 2015, waqt il-proceduri ta' medjazzjoni, din il-Qorti kienet tat digriet li permezz tieghu ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment *pendente lite* ghall-minuri s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) kull erba' gimghat oltre nofs

l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. L-attrici ezebiet prospett dwar l-ispejjez rikorrenti tal-minuri kif ukoll kopja tal-income tax taghha.

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi imressqa jirrizulta sodisfacentement illi z-zwieg tal-partijiet tkisser unikament tort tal-konvenut.

Il-vizzju tad-droga tal-konvenut kien holoq problemi kbar fil-hajja matrimonjali tal-partijiet. Kien agir irresponsabbli da parti tal-konvenut illi b'familja b.zewgt itfal ma hax passi konkreti sabiex jeghleb il-vizzju li kien mahkum minnu u jsib impieg. Ghall-kuntrarju fetah bar bil-konsegwenza illi l-vizzju tad-droga tieghu kompla jaggrava.

Id-daqqa mortali ghaz-zwieg tal-partijiet waslet meta l-konvenut abbanduna lill-martu u liz-zewg uliedu u mar jikkoabita ma' tfajla.

Dwar il-manteniment mitlub mill-attrici ghall-minuri il-Qorti tiddeciedi illi l-konvenut ghandu l-obbligu li jhallas manteniment ghall-minuri u qed tiddeciedi wkoll illi fuq bazi ta' probabilita' l-konvenut ghandu introjtu una volta qed jirrisjedi fl-Olanda. Fic-cirkostanzi, tenut kont ukoll tal-htigijiet tal-minuri u d-dhul tal-attrici il-Qorti qed tiddeciedi illi l-manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri ghandu jigi likwidata fis-somma ta' hames mitt ewro (€500) kull erba' gimgha li jinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi depuati ghall-assenti,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-awtorita' ta' genitur fuq iz-zewg minuri Melanie E u Antonello E inkluz, il-kura u kustodja, tkun esklussivament f'idejn ommhom l-attrici A B b'dan illi kull decizzjoni rigwardanti s-sahha, l-edukazzjoni, r-religjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluz il-hrug u t-tigdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod generali kull decizzjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed mill-attrici wahedha minghajr il-htiega tal-kunsens jew firma tal-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mitt ewro (€500) kull erba gimghat, li tinkludi l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, u dan b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elfejn u tlettax (2013).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**